KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 23

It-tlieta u għoxrin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2014 fis-6.26pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Nanette Castadli Paris | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements u Management Letter 2013*
6. *Aġġudikazzjoni għat-tender - Playing Field fi Ġnien Indipendenza*
7. *Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2013*
8. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduti 22_25/02/2014 u 22kont_4/03/2014.

1.2 Il-Kunsillier D. Muscat irrefera għall-punt 4.11 fejn qal li għandha tiżdied il-kelma 'parroċċi' wara l-kelma 'baned'. *Korezzjonijiet*

1.3 Is-Sindku propona li jiġu approvati l-minuti taż-żewġ seduti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 22_25/02/2014 u 22kont_4/03/2014*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar l-*underwater survey*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li Itaqa ma min kellu jagħmel ix-xogħol. Ġie infurmat ukoll li x-xogħol ma setax isir qabel minħabba l-maltemp. *Underwater survey*

2.2 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar il-*bicycle racks*. Il-Kunsill ġie infurmat li dawn ġew ordnati. *Bicycle Racks*

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għad-deċiżjoni li l-Kunsill kien ħa dwar il-*hawkers*. Il-Kunsill ġie infurmat li Transport Malta m'għandhomx x'jaqsmu, u infurmaw lill-Kunsill biex jirreferi dawn il-materji lill-Pulizija. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Pulizija u ġie infurmat li diment li qegħdin f'*parking bay* jistgħu joqgħodu la darba jitilqu filgħaxija. Il-Pulizija qegħdin jagħmlu r-ronda tagħhom. *Hawkers*

*Daħlu l-Kunsilliera J. Pillow (18:32pm) u P. Radmilli (18.33pm)*

2.4 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li fix-Xatt ta' Tigne fejn 'Adams Kiosk' qiegħed ikun hemm *hawker* li għandu *generator* fuq il-bankina li qiegħed jagħmel ħafna storbju. Il-Kunsill għandu jagħmel rapport lill-pulizija, izda dan irid jinqabad bih mixghul fil-post. *Generator fuq bankina*

2.5 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-bankina li hemm x-Xatt ta' fejn Tanti (in-naħa tal-baħar) għaliex dan għamel tarġa li għalqet l-parti tal-bankina li tiffaċilita l-aċċess għall-omja. Il-Kunsill għandu jirraporta dan il-kaz. *Ix-Xatt (tarġa)*

2.6 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 3.3 dwar it-talba għall-aktar fondi għaż-żamma tal-Ġnien Bonello Dupuis. Il-Kunsill ġie infurmat li kiteb għall-fondi lill-Prim Ministru direttament. *Ġnien Bonello Dupuis*

2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu laqgħa ma' Gaia Foundation, Nature Trust u persuni oħra fejn l-idea hi li nsebbħu aktar il-Ġnien, b'mod li jkun ukoll aktar sostenibbli. Il-Kunsill qiegħed jistenna rapport dwar x'jista isir.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar pagament numru 41 pagabbli lil Werqa. Ġiet infurmata li dawn kienu għal funeral ta' Mrs Vassallo, il-mara tal-avukat tal-Kunsill.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagamenti tal-KOPTASIN u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu isaqsi lit-TM jekk jistgħux jiżbgħu toroq prinċipali bħal Tower Road. Il-Kunsill għandu isaqsi. *Żebgħa – toroq prinċipali*

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal pagament ta' A1 Installations dwar il-*floodlights*. Il-Kunsillier Pillow issuġġerixxa biex il-bozoz/*floodlights* il-ħżiena jibdew jiġu rritornati l-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsill għandu jifformola proċedura.

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament tal-Mica Med. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill kellu lmenti mill-iskola minħabba s-*solar panels* u kellu jiġi stallat *earth electrode*. Il-Kunsillier Pillow ried jiċċekkja aktar dwar il-prezz. Il-pagament inżamm *on hold* għal kjarifika. Il-Kunsill qabel ukoll li għal affarijiet simili nibdew nistaqsu għal aktar kwotazzjonijiet.

3.5 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti (minbarra tal-Mica Med). Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjonit tal-pagamenti*

*Kien hemm qbil li item 4 dwar ir-rapporti jiġi pospost*

## 5. APPROVAZZJONI TAL-AUDITED FINANCIAL STATEMENTS U MANAGEMENT LETTER 2013

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-Budget 2014. Fost affarijiet oħra l-Kunsill ġie infurmat b'tibdil ta' ċifri minn tas-sena l-oħra. Bħal żieda fl-ispejjez tal-ARMS minhabba Ġnien Bonello Dupuis. Tnaqqis f'*patching* u materjal. Ġie nnotat ukoll li l-Kunsill għandu ammont kbir ta' tabelli madwar Tas-Sliema u kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jimxi bi prioritajiet u jnaqqas tabelli bħal 'Keep Quiet' kif ukoll li tabelli *un/loading* għandhom jiġu mħallsa minn min jitlobhom (lukandi jew ħwienet). *Budget*

5.2 Ġie diskuss li jitnaqqsu l-ispejjes fuq *flyers*. Il-Kunsilliera L. Cassar saqsiet kif se jintlaħħqu l-anzjani li ma jużawx internet. Ġie nnotat li l-flyers mhux dejjem jintlaħħqu l-anqas għaliex ħafna drabi jintremmew mal-*junk mail.*

5.3 Il-Kunsill għandu jnaqqas ukoll mill-korsijiet. Is-Segretarju Eżekuttv fakkar li l-Kunsill ma jirċiviex allokazzjoni għalihom direttament. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Ministru tal-Edukazzjoni dwar l-ammont ta' flus li l-Kunsill iħallas kull darba għall-kiri ta' klassijiet għall-korsijiet tal-LLL. Kien hemm qbil ukoll li s-sotto kumitat għandu jiltaqa ħa jiddiskuti l-prioritajiet u x'korsijiet jistgħu jitnaqqsu.

5.4 Kien hemm qbil ukoll li l-*Finance Committee* għandu jiltaqa b'mod regolari

kull tlett xhur.

5.5 Is-Sindku appella lill-Kunsilliera biex kemm jista jkun il-Kunsill jimxi bil-għaqal u mal-*budget*.

5.6 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-Budget 2014. Il-Kunsillier P. Radmilli ssekonda. Il-Kunsill qabel. *Approvazzjoni tal-budget*

5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega xi aġġustamenti li ġew innotati mill-*audit*. Ħafna minnhom kif inbiddlu ġew jidhru li l-Kunsill għandu pożizzjoni finanzjarja aħjar.

5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-Kunsill kellu *audit* generalment pożittiv. Ġiet ippreżentata l-*management letter* u r-risposta għalija.

5.9 Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti għall-approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* kif ukoll il-*Management Letter 2013*. *Approvazzjoni – Audit Financial Statements/Man. Letter*

## 6. AĠĠUDIKAZZJONI GĦAT-TENDER - PLAYING FIELDS FI ĠNIEN INDIPENDENZA

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv kien diġa spjega fl-aħħar seduta li l-offerti li nteffgħu ma qablux mal-*ispecifications* kollha li ntallbu mill-Kunsill. L-Kunsill kienu għadu qiegħed jistenna rapport mill-Engineer. Skont ir-rapport, il-kumpanija Mquip tissodisfa il-kriterji.

6.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet jekk dan m'għandux l-*ispecifications* kollha jistgħux jappellaw l-applikanti l-oħra. Saqsiet ukoll jekk din ingħatatx diġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din qeda tiġi diskussa dak il-hin stess ghall-approvazzjoni, waqt din l-istess laqgħa, u ovjament, ghaldaqstant, għada ma ingħatatx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb ukoll li skond ir-rapport tal-Inginjier, l-oħrajn mhumiex skond *l-ispecifications*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-KNPD, wara li tghat l-approvazzjoni ghall-bandla partikolari għal persuni b'diżabilita tal-MQuip, illum bghatu li jixtiequ jergghu jirrevedu xi materji dwarha.

6.3 Is-Sindku ssuġġerixxa li dan it-tender jiġi approvat mingħajr din il-bandla tal-persuni b'diżabilita sakemm ikun hemm qbil finali mal-KNDP, biex b'hekk ma jinżammx l-proġett kollu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm seba kjarifikazzjonijiet li għad iridu jiġu diskussi. Il-Kunsilliera L. Cassar saqsiet liema huma dawn il-kjarifikazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien bgħatthom e-mail, u filkaż għandu jerġa jibgħathom. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll li dan kollox skont kif approvat mill-engineer.

6.4 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jippreferi li qabel ma jingħata l-kuntratt ikun hemm l-approvazzjoni mill-KNPD ta' din il-bandla partikolari. Il-Kunsililer J. Pillow qal li għaddej ħafna żmien u se jkun qiegħed jeħel il-proġett kollu.

6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-kuntratt kien sar b'tali mod li l-*bill of quantities* ikunu *itemised* biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jagħżel b'mod individwali, u mhux bilfors l-*equipment* kollhu.

6.6 Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-Kunsill iħalli ġimgħatejn u wara jiltaqa u jiddeċiedi. Il-Kunsillier M. Briguglio ma qabilx għaliex jekk din il-bandla tibqa ma tiġix approvata nkunu weħilna fuq l-items oħra għalxejn u jeħel l-proġett kollu. Qal ukoll li la darba l-Kunsill kien qabel li dan it-tender isir *itemised* jista jiddeċiedi inkella s-Sajf se jkun mingħajr bandli.

6.7 Il-Kunsilliera L. Cassar saqsiet kif ġie rrakomondat mill-engineer li kien viċin ta' l-ispecifications li talab il-Kunsill. Is-Segretarju spjega.

6.8 Is-Sindku qal li hemm bżonn li titwaħħal tabella fejn il-pubbliku ikun jaf li l-Kunsill se jkun qiegħed jagħmel proġett. Il-Kunsill qabel.

6.9 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li kieku jagħmel *proviso* li meta jingħata l-kuntratt jitniżżel ċar liema hu l-item li għad irid jiġi rivedut mill-KNPD biex ma jaħsibx li jkun ħa kollox. Il-Kunsill qabel.

6.10 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk it-tender jinkludix il-manutenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fil-pozittiv.

6.11 Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill jagħżel l-offerta ta' MQuip għar-raġunijiet imsemmija mill-engineer minbarra l-item li għad trid riveduta mill-KNPD.

## 7. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT AMMINISTRATTIV 2013

7.1 Ġie ppreżentat ir-rapport amministrattiv u ġie approvat. Il-laqgħa annwali tal-Kunsill se ssir it-Tlieta 8/04/2014 fis-6.30pm ġewwa Imperial Hotel.

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat bil-kwotazzjonijiet tal-istampar tal-fuljett tal-Kunsill. *Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet li ma tipparteċipax għal din id-deċiżjoni minħaba konflitt ta' interess.* Il-Kunsill qabel li tingħata lil *Progress Press* għaliex hija l-irħas offerta u għandhom karta FSC. Il-Kunsillier P. Radmilli talab li jibgħatu ċertifikat tal-karta FSC. Kien hemm qbil ukoll.

4.2 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li għalkemm imlew l-applikazzjoni tal-*Arts Fund* il-Kunsill ma rċeviex risposta. Informa wkoll li l-Kunsill jista japplika għal attivita li ssir f'Settembru li hemm *deadline* għall-applikazzjoni sa April.

4.3 Il-Kunsill jista japplika għal *Sliema Arts Festival* għalkemm il-Kunsillier P. Radmilli ma jaqbilx bil-mod kif jahdmu 'Add More Colours'. Il-Kunsillier P. Portelli, għalkemm ma kienx preżenti, bgħat email fejn qal li ma javdax l-organizzazzjoni l-anqas u jirrakomonda li l-Kunsill jieħu f'idejh l-*Arts Festival*. Għandu jippreżenta programm, *costings* u informa li l-*area* li

tintuża għandha tkun parti mill-promenade u taht it-Torri biss. Il-Kunsillier P. Portelli talab li l-Kunsill jieħu deċiżjoni.

4.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet kemm se tiġi tiswa lill-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll min se jkun responsabbli għal ħsara li tista ssir. Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet għandhomx koordinaturi. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li tinħareġ sejħa għal kwotazzjoni għal *event coordinator* fejn jieħu ħsieb bars, DJ, Bands u min jagħti garanzija għall-aktar *income*, l-Kunsill jieħu ħsieb l-amministrazzjoni. Filwaqt li AMC jieħdu ħsieb jġibu l-artisti barranin. Il-Kunsilliera M. Aquilina taqbel għaliex is-sena l-oħra ma kienx hemm koordinazzjoni u komunikazzjoni.

4.5 Il-Kunsillier M. Birguglio qal li l-Kunsill għandu jagħmel ċar li tas-Sound iħallsuhom huma.

4.6 Is-sotto kumitat għandu jiltaqa biex jevalwaw din il-proposta jew proposti ohra li jistghu ikunu fattibli.

## 8. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

8.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar ir-rapport tal-*contracts managar* li l-Kunsill kien talab. Ir-rapport ġie preżentat pero ħadd mill-Kunsilliera ma kien sodisfatt.

8.2 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li m'għandiex garanzija li dan qiegħed jagħmel l-erbgħin siegħa. Qalet ukoll li jekk il-*probation period* jagħlaq f'April, il-Kunsill irid jieħu deċiżjoni malajr. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li erbgħin siegħa hija ħidma ta' *full timer*, apparti li f'ħames xhur l-anqas rapport dettaljat wieħed ma preżenta. Qalet li l-Kunsill għandu bżonn l-għajnuna biex jiġi infurmat bin-nuqqasijiet u mhux il-Kunsill jgħidlu fejn irid imur. Il-Kunsillier J. Pillow qal li fi tmien ġimgħat ma indunax li l-*merry go round* kienet imkissra. Il-Kunsilliera L. Cassar fakkret li qabel ma ingħata it-tender kienet diġa ġibdet l-attenzjoni li din is-sistema mhux se taħdem.

8.3 Kien hemm qbil li jitwaqqaf is-servizz tal-*contracts manager* waqt li ghadu fil-*probation period.*

8.4 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-Kunsill irid jibgħat is-suggerimenti tieghu dwar l-iSPED lill-MEPA.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Is-Seduta spiċċat fid-9.17pm. Seduta oħra għandha ssir nhar il-Ħamis 24 ta' April 2014 fis-6pm.

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**